MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 115/2008

**Michael Attard Limited (C-32362)**

**vs**

**Philip Attard (ID611564M) u Rita Attard (ID128372M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Frar, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenuti kienu accettaw u iffirmaw a favur tas-socjeta' attrici diversi kambjali;

Illi l-konvenuti illum jinsabu debituri lejn is-socjeta' attrici fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf tmien mija u erba u tmenin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€21,884.75)

rapprezentanti bilanc ta’ import ta’ sitta u disghin (69) kambjala skaduti, accettati u firmati mill-konvenuti;

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu pero’ dawn baqghu inadempjenti;

Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici il-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta’ dan id-debitu;

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf tmien mija u erba u tmenin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€21,884.75) rapprezentanti bilanc ta’ import ta’ sitta u disghin (69) kambjala skaduti, accettati u firmati mill-konvenuti, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju Numru 109/08LM u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Numru 105/08, kontra il-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat l-affidavit ta’ Stefan Sacco ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti tat-8 ta’ April, 2008 li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta ippruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf tmien mija u erba u tmenin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€21,884.75).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------